**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Eamon Grixti (ID 550775M), Ingrid Grixti (ID 123968M) u Mary Grixti (ID 985845M)**

**vs**

**Ronald John (Passaport Ingliz 399671009) u martu Janet Marica Fabian (Passaport Ingliz 453982497) u Kuraturi deputati ghall-istess stante illi huwa assenti u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2018 gie dikjarat illi ma hemmx htiega li jigu appuntati kuraturi deputati.**

**Rikors Guramentat Numru: 14/2018JD**

Illum 27 ta' Jannar 2021

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrent nomine[1] li jaqra hekk:

1. Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond ossija 'bar' li jgib l-isem Nag's Head Pub u li fiz-zmien kien igib in-numri 131 u 133 fi Triq San Xmun, Buggiba limiti ta' San Pawl il-Bahar ;

2. Illi l-ante kawza tal-esponenti, u cioe Francis u martu Loreta Borg, kienu originarjament ikkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni a favur David Wallace Hayward u martu Frances Hayward l-fuq imsemmija fondi ossija l-fond li kien igib in-numru 131 u l-fond li kien igib in-numru 133 u dan permezz ta' zewg skritturi u cioe wahda tas-17 ta' Frar 2003 u ohra ta' Frar 2004 ;

[1] Fol. 1 sa 3

3. Illi dawn iz-zewg fondi bil-kunsens preventiv tas-sidien moghti permezz tal-ftehim tat-3 ta' Frar 2004 gew mniffda wiehed ma' l-iehor u ghalhekk iz-zewg fondi llum jikkostitwixxu fond wiehed maghruf bhala Nag's Head Pub ;

4. Illi permezz ta' skrittura ohra li ggib id-data tas-17 ta' Marzu 2009 il-konjugi Hayward cedew u assenjaw id-drittijiet taghhom fir-rigward tal-fondi mmsemmija a favour Ronald John u martu Janet Marcia Fabian;

5. Illi l-lokazzjoni tal-fondi msemmija kienet saret ghall-perjodu ta' hmistax-il sena prorogabbli ghall-perjodi sussegwenti ta' hmistax-il sena il-wiehed a xelta ta' l-inkwilini sa massimu ta' ghaxar skadenzi, u dan bil-kundizzjoni espressa li l-istess fond jintuza unikament u esklussivament bhala bar u bil-kundizzjoni ulterjuri illi l-inkwilini kellhom jibqghu personalment responsabbli ghall-hrug tal-permessi relattivi u ghall-osservanza tar-regolamenti kollha imposti mill-awtoritijiet komptenti fuq il-gestjoni tan-negozju mill-istess fond ;

6. Illi minn dan il-fond mhux qieghed jigi gestit in-negozju li ghalih gie unikament u esklussivament mikri, u l-istess jinstab maghluq u fi stat ta' abbandun, u ilu hekk maghluq u abbandunat ghal iktar minn sena;

7. Illi oltre l-bdil fid-destinazzjoni tal-fond l-intimati naqqsu milli jonoraw l-obbligi minnhom espressament assunti u senjatament billi naqqsu milli jitolbu u/jew jottjenu l-permessi, approvazzjoni u/jew awtorizazzjonijiet relattivi u ghaldaqstant naqqsu milli josservaw r-regolamenti kollha imposti mill-awtoritajiet komptenti

fir-rigward tal-gestjoni mill-fond tan-negozju li ghalih il-fondi gew espressament u esklussivament mikrija ;

8. Illi peress illi jirrizulta illi kien hemm bdil fid-destinazzjoni tal-fondi mikrija u peress wkoll illi l-intimati naqqsu milli josservaw l-obbligi minnhom assunti jissusisstu c-cirkostanzi kollha skont il-ligi li jintitolaw lis-sidien iressqu din il-procedura u jitlobu r-ripreza ta' dawn il-fondi li taghhom ir-rikorrenti huma s-sidien.

Illi ghal dawn il-motivi r-rikorrenti umilment jitlobu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u neccessarja, jiddikjara u jiddeciedi illi r-rikorrenti ghandhom il-jedd li jitlobu u jirriprendu l-pussess vakanti tal-fondi li kienu jgibu n-numri 131 u 133 fi Triq San Xmun, Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar ossija l-bar li jgib l-isem Nag's Head Pub u filwaqt li jawtorizza lill-esponent sabiex jirriprendu l-pussess vakanti tal-istess fondi jordna lill-intimati sabiex jizgumbraw minn gol-istess fondi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-intimati Ronald John u Janet Marcia Fabian[2] li permezz taghha eccepew li:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba sabiex jinhatru kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-esponenti hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt gia la darba l-esponenti m'humiex assenti, anzi huma cittadini ta' l-Unjoni Ewropeja u jirrisjedu gewwa r-Renju Unit, f'indirizz li r-rikorrenti huma a konnoxxenza tieghu, u ghalhekk huma qeghdin jassumu l-atti tal-kawza permezz ta' din ir-risposta

[2] Fol. 5-6

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi in oltre r-rikorrenti ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq il-fondi in kwistjoni.

4. Illi in oltre m'hwiex minnu illi l-fond in kwistjoni gie abbandunat u/jew mitluq mill-esponenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ma jissussistux l-elementi ghall-bdil fid-destinazzjoni tal-fond minhabba non uzo.

5. Illi r-rikorrenti dejjem uzaw il-fond in kwistjoni bhala bar, u dejjem uzawh skond il-permessi mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u dejjem ottemporaw ruhhom mal-ligi u mal-permessi relattivi u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi l-esponenti dejjem iggestew in-negozju fil-generu li ghalih kien mikri il-fond u ghalhekk ma kien hemm l-ebda bdil fid-destinazzjoni tal-fond.

7. Illi huma r-rikorrenti li qeghdin jaghmlu minn kollox sabiex iffixlu lill-esponenti milli joperaw fil-hanut u dan sempliciment ghaliex, minkejja li huma allegatament werrieta ta' Francis u Loreta Borg, huma ma humiex kuntenti bl-obligazzjonijiet li kienu assumew l-ante-kawza taghhom.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Sema' x-xiehda tal-kontendenti, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom.

Sema' s-sottomissjonijiet finali.

Ra l-atti u d-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

**Ikkunsidra li:**

Din hija kawza li r-rikorrenti lokaturi tal-fond kummercjali 131 u 133, Nag's Head Pub, Triq San Xmun, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, qed jipprosegwu kontra l-inkwilini taghhom Ronald John u Janet Marcia Fabian, li jghixu permanentement fl-Ingilterra, biex ihollu r-relazzjoni lokatizja ta' bejniethom minhabba filli, allegatament, l-intimati m'ghadhomx juzaw dan il-fond kummercjali ghall-iskop li ghalih inkera lilhom, u lanqas ma ghadhom joperawh ghan-negozju. Skond ir-rikorrenti, dan il-fond ilu issa zmien konsiderevoli maghluq, u mhux uzat.

L-intimati jikkontestaw l-allegazzjoni li l-fond mhux jigu uzat ghal skop ta' bar, u jinsistu li dejjem uzawh skont il-permessi mahruga mill-awtoritajiet kompetenti, u dejjem iggestew minnu n-negozju fil-generu li ghalih kien mikri lilhom. L-intimati jirritjenu li r-rikorrenti qed jaghmlu minn kollox biex ifixkluhom milli joperaw il-hanut, ghaliex mhumiex kuntenti bl-obbligi li ntrabtu bihom l-awturi taghhom.

Irrizulta mill-provi li r-rikorrenti[3], zewgt ahwa u zithom materna, huma sidien ta' dan il-fond, uzat bhala bar, f'Bugibba, San Pawl il-Bahar, wara li wirtuh minghand is-sidien originali Francis u Loreta Borg. Ir-rikorrenti jghidu li, dak iz-zmien, il-fond kien ga mikri lill-intimati. Meta xehed ir-rikorrent Eamon Grixti fis-17 ta' Mejju 2018, huwa ddikjara li kien ilu ma jara l-fond gestit ghal aktar minn sena, u dan b'detriment ghall-avvjament li kellu dan il-hanut, generat tul is-snin.

Sfortunatament, ghalkemm jidher li hemm ftehim ta' kiri miktub li jirregola din ir-relazzjoni lokatizja, hadd mill-partijiet ma pprezenta kopja tieghu fl-atti. Ir-rikorrenti jghidu li l-intimati ghandhom dritt jissullokaw il-fond, pero' m'ghandhomx dritt ihalluh mhux uzat.

In kontroezami[4], ir-rikorrent **Eamon Grixti** ddikjara li hu qatt ma dahal f'dan il-fond. Qal pero' li jiftakar li kellu l-imwejjed u s-siggijiet barra, u li dawn illum tnehhew wara li s-sidien ircevew avviz mill-awtorita' kompetenti biex jaghmlu dan taht piena ta' multi. Ir-rikorrent cahad li l-

[3] Ara affidavit tar-rikorrent Eamon Grixti, fol. 23

[4] Ara xiehda, 2.3.2020, fol. 205 *et seq.*

intimat talbu permess biex jerga' japplika ghall-imwejjed u s-siggijiet fuq barra.

Ix-xhud **Herbert Grixti**[5], iben ir-rikorrenti Mary Grixti, ikkonferma dan kollu, u zied jghid li, sa fejn jaf hu, il-fond ilu minn Mejju/Gunju 2016 maghluq u mhux uzat. Huwa ddikjara li joqghod ezatt fuq il-fond mertu ta' din il-kawza, allura jaf b'aktar precizjoni x'jigri fih. Qal li l-fond jinsab fi stat ta' abbandun, u dan huwa ta' detriment ghall-fond tieghu sovrappost, fejn jghixu hu u ommu. Minhabba li l-fond mhux qed jintuza, u m'hu jidhol hadd fih, zviluppaw anke hsarat u zbroffi, li qed jikkagunaw hsarat fil-hajt divizorju tieghu, u fil-fondi li jinsabu fil-madwar.

In kontroezami[6], Herbert Grixti ddikjara li ilu jghix fuq dan il-fond ghal 30 sena, mindu kien ghadu garaxx, u mbaghad kien konvertit f'*pub*, inkluz meta kienu juzawh l-intimati ghal dak l-iskop. Qal li mwejjed u siggijiet kellu kemm barra u anke gewwa, pero' ta' barra tnehhew wara li l-intimati ma baqghux joperaw il-fond, u l-fond spicca maghluq ghal kollox. Skond ix-xhud, dan gara wara li ommu rceviet avviz biex tnehhihom minn fuq il-bankina. Huwa cahad li l-intimat talabhom permess biex jerga' japplika halli jaghmel l-imwejjed u s-siggijiet fit-triq. Huwa ccara wkoll li x-xoghlijiet ghamluhom wara li nfurmaw lill-intimati, inkluz bil-penali ta' kuljum li s-sidien kienu ser jinkorru jekk ma jsirx ix-xoghol. Cahad ukoll li l-intimati kellmuhom biex jissullokaw il-fond. Skond ix-xhud, l-ahhar operaturi tal-fond kienu Daryl Owen, li xehed f'din il-kawza, u martu Jane.

Biex jindirizzaw l-eccezzjoni tal-intimati dwar it-titolu taghhom, ir-rikorrenti pprezentaw zewg atti ta' dikjarazzjonijiet *causa mortis*, li gew pubblikati wara l-mewt ta' Mary Doris Grixti, omm ir-rikorrenti Eamon u Ingrid, ahwa Grixti, u ta' Francis Borg, li kien missier ir-rikorrenti Mary Grixti, u n-nannu matern tar-rikorrenti l-ohra.[7]

L-istess verzjoni tal-fatti tatha r-rikorrenti l-ohra **Ingrid Grixti**[8], li tigi oht ir-rikorrent Eamon Grixti. Bhalhom, hija ddikjarat li l-intimati wrew li ma fadlilhomx interess jahdmu fil-fond mikri, u li jridu biss jaghmlu

[5] Ara affidavit, fol. 24
[6] Ara xiehda, 2.3.2020, fol. 211 *et seq.*
[7] Ara fol. 25 sa 53
[8] Ara affiavit, fol. 61

sullokazzjoni biex jaghmlu profitt min-negozju tal-kirja. Hija qalet ukoll li s-siti socjali jindikaw car li dan il-fond m'ghadux jigu operat, u li l-attivita' fih ilha li waqfet mis-sena 2016.

In kontroezami, din ir-rikorrenti[9] kkonfermat il-fatti, inkluz li kellha tinqala' l-bankina fejn l-intimati kellhom l-imwejjed u s-siggijiet minhabba ordni tal-awtoritajiet. Ix-xhud pero' qalet li thalli f'idejn huha r-rikorrent Eamon Grixti biex imexxi, u ghalhekk id-dettalji mhux bilfors tiftakarhom korrettement.

Ir-rikorrenti ressqu wkoll b'xhud taghhom lir-rapprezentant tal-ARMS Ltd, **Rueben Bonnici**.[10] Huwa pprezenta kopja tal-kontijiet kollha tas-servizzi ghall-ahhar ghaxar snin[11], minn fejn jirrizulta wkoll l-konsum taghhom tul dan il-perjodu. Minn dawn jirrizulta li l-meters tad-dawl u l-ilma inqraw darba qabel intbaghat il-kont ghall-perjodu sa Jannar 2012, u mbaghad gieli nqara biss il-meter tad-dawl, fl-ahhar snin. Il-meter tal-ilma qatt ma rega' nqara. Il-konsum attwali fl-ahhar snin kien relattivament baxx. Il-bqija tal-kontijiet inhargu fuq stimi ta' uzu tas-servizzi. Mir-rendikont tal-hlasijiet prezentat mill-istess xhud, jirrizulta li hemm bilanc x'jithallas ta' €143.31 sa Mejju 2018.[12]

Ir-rikorrenti ressqu wkoll b'xhud taghhom lir-rapprezentant tal-Awtorita' tat-Turizmu[13], li kkonfermat li l-fond mertu tal-kawza ghandu licenzja kummercjali ta' *bar second class*, li giet traferita f'isem l-intimat fis-7 ta' Awissu 2009. Eventwalment, huwa applika u ottjena wkoll licenzja biex minn dan il-fond jopera *snack bar* ukoll. Mill-kopja tal-licenzja prezentata, jidher li l-intimati kienu jircievu l-korrispondenza fl-indirizz taghhom fl-Ingilterra.[14]

Il-Bord sema' wkoll ix-xiehda ta' Daryl Owen[15], li ddikjara li kien imexxi n-negozju ta' dan il-bar fl-interess ta' Ronald John, wara li dan mar lura lejn l-Ingilterra. Meta xehed fl-2018, huwa ddikjara li l-fond kien ilu tlett snin maghluq. Iddikjara wkoll li, sa fejn jaf hu, fil-post ma kien baqa' jsir xejn aktar. In riezami, ix-xhud qal li l-parti ta' quddiem il-*bar*, fuq il-

---

9 Ara xiehda, 13.7.2020, fol. 222 sa 226
10 Ara xiehda, 16.7.2018, fol. 62 sa 63
11 Fol. 64 sa 155
12 Fol. 158
13 Ara xiehda ta' Dr. Maria Lisa Buttigieg, 16.7.2018, fol. 161 sa 163
14 Fol. 1164 sa 169
15 Ara xiehda, 8.11.2018, fol. 180 sa 182

bankina, fejn kien hemm l-imwejjed, giet zgumbrata u tnehhiet ghal kollox wara li l-bar kien diga' maghluq.

Fl-affidavit taghhom[16], l-intimati ddikjaraw li huma gew assenjati l-kirja ta' dan il-hanut fis-17 ta' Marzu 2009; qabilhom il-fond kien mikri lill-kopja Hayward. Skond l-intimati, il-kirja originali kienet kostitwita b'zewg kuntratti, wiehed datat 17 ta' Frar 2003 u l-iehor 3 ta' Frar 2004, u kienet tinkludi d-dritt tal-proroga awtomatika ghal perjodi ta' 15-il sena 'l wiehed, sa massimu ta' ghaxar prorogi. Skond l-intimati, il-kwistjonijiet mar-rikorrenti bdew ftit wara li hadu l-kirja l-istess intimati, ghaliex ir-rikorrenti ma ridux jaccettaw il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni, kif kienu stipulati mill-awturi taghhom Borg. Qalu li r-rikorrenti riedu kera oghla, pero' huma rrifjutaw, u mbaghad ircevew xi karti bl-avukat, pero' sussegwentement dik it-talba giet rinunzjata. L-intimati ddikjaraw li, wara sentejn, ir-rikorrenti regghu talbu awment, u kienu lesti jwaqqfu l-pendenza jekk l-intimati jaccettaw tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kiri. Intant, skond l-intimati, huma kellhom problemi minhabba ntejjen u zbroff ta' drenagg minn proprjeta' li kienet tappartjeni lir-rikorrenti, u ghalkemm ir-rikorrenti kienu jafu b'dawn il-problemi, ghamlu ftit li xejn biex isolvuhom. Skond l-intimati, ir-rikorrenti kienu l-kagun ewlieni ghalxhiex huma ma baqghux joperaw il-bar, senjatament meta haffru l-ispazju ta' quddiemu fit-triq biex nehhew il-parti fejn kienu jitpoggew l-imwejjed barra. Skond l-intimati wkoll, huma kienu fil-process li jirrangaw il-post minn gewwa biex ikunu jistghu jissullokawh. Jghidu li kellhom koppja interessati, li kien fi hsiebhom jifthuh f'April 2018. Skond huma, kienet din ir-raguni ghalxhiex kienu akkwistaw il-jeddijiet lokatizji fuq dan il-fond, u hallsu prezz konsiderevoli. L-intimati qalu li tkellmu mat-tifel tar-rikorrenti fuq dawn il-pjanijiet taghhom, u deher li ma kienx hemm diffikulta', pero' immedjatament wara rcevew din il-kawza. Meta nfurmaw b'dan lis-subinkwilini prospettivi, dawn tilfu l-interess. Huma jichdu li abbandunaw il-fond, u skond huma, jigu Malta regolarment biex jaraw li kollox sew. Huma ddikjaraw li rega' ghandhom nies interessati biex jissullokaw dan il-fond, imma anke dawn ma jridux jaghmlu dan qabel tintemm din il-kawza.

[16] Fol. 202 sa 204

In kontroezami[17], l-intimat Ronald John iddikjara li mexxa dan il-fond bhala *pub* minn Lulju 2009 sa Novembru 2010, meta mbaghad mar lura ghal kollox l-Ingilterra, u halla lil Daryl Owen biex jopera l-fond minfloku. Huwa nsista li l-fond ma ssullokah lil hadd, u li wara Novembru 2010 baqa' joperah hu bil-mezz ta' Daryl Owen. Qal li hu baqa' jigi regolarment Malta, anke biex jara l-post, u rahom b'ghajnejh ihaffru l-bankina li kien hemm quddiem l-istess fond, kif jidher fir-ritratt ezibit[18]. Fost dawn, kien hemm Herbert Grixti, it-tifel tar-rikorrenti Mary Grixti.

**Ikkunsidra wkoll li:**

Sfortunatament, dan il-Bord baqa' sprovvist mill-kuntratt/i tal-kiri li jirregolaw ir-relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet fuq il-fond 131 u 133, Nag's Head Pub, Triq San Xmun, Bugibba. Ghalkemm din ir-relazzjoni tirrizulta pruvata, u mhix kontestata minn parti jew ohra, il-Bord ma jistax jikkummenta, jew jiddeciedi, dwar ksur ta' kundizzjonijiet lokatizji, u ser jiddeciedi fuq it-talbiet biss ghab-bazi tal-ligijiet vigenti tal-kiri.

Bdiet meta bdiet din il-kirja, u indipendentement minn liema ligi tapplika ghaliha, il-lokatur ghandu dritt li l-fond mikri jintuza ghall-iskop li ghalih ikun inkera, u l-inkwilin ghandu l-obbligu fundamentali korrispettiv li juza l-fond bhala *bonuspaterfamilias* ghall-iskop li ghalih ikun gie mikri lilu.[19] Wara l-emendi bl-Att X tal-2009, il-ligi issa tipprovdi car li *'Fil-każ ta' fond kummerċjali, in-nuqqas ta' użu għall-iskop kummerċjali kif joħroġ mill-kuntratt ta' kiri jitqies bħala użu ħażin tal-ħaġa mikrija skont l-artikolu 1555.'*[20] L-**art. 1555** imbaghad jipprovdi hekk:

> **1555.** Jekk il-kerrej jagħmel mill-ħaġa mikrija użu xorta oħra minn dak li għalih ikun miftiehem, jew preżunt skont l-artikolu preċedenti, jew b'mod li bih jista' jġib ħsara lil sid il-kera, sid il-kera jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob il-ħall tal-kirja.

Dawn l-emendi kkonvertew f'ligi l-posizzjoni gurisprudenzjali stabbilita li n-nuqqas ta' uzu tal-fond mikri ghall-iskop li ghalih ikun inkera – f'dan

[17] Ara kontroezami li sar quddiem Dr. Steven Farrugia Sacco, fol. 234 sa 235
[18] Fol. 228
[19] **Art. 1554(a)** tal-Kodici Civili
[20] **Art. 1555A(3)** tal-Kodici Civili

il-kaz uzu kummercjali – jitqies bhala uzu hazin, u bdil fl-uzu, bi ksur tal-obbligi lokatizji.[21]

F'dan il-kaz, wara li qies il-provi kollha li tressqu quddiemu, u b'mod partikolari l-provi oggettivi, senjatament ix-xiehda tal-ahhar operatur tal-bar Daryl Owen li xehed car li l-fond kien ilu mat-tlett snin, illum aktar, ma jintuza ghall-iskop li ghalih kien mikri, u wkoll ix-xiehda tar-rapprezentant tal-provditur tas-servizzi tad-dawl u l-ilma, li wriet konsum limitat ferm kemm ta' dawl u anke ta' ilma fl-ahhar snin f'dan il-fond, il-Bord jinsab moralment sodisfatt, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-intimati kisru l-obbligu taghhom li juzaw il-fond in kwistjoni ghall-iskop li ghalih kien mikri lilhom, tal-anqas matul dawn l-ahhar erba' snin. L-intimati llimitaw ruhhom ghax-xiehda taghhom bil-kitba, u ma ressqu ebda provi ohra biex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom li kien hemm xi ragunijiet oggetti, lil hinn mill-kontroll taghhom, li mpedewhom milli jaghmlu dan l-uzu. Il-Bord jinsab sodisfatt ukoll li l-qlugh tal-bankina fejn l-intimati kienu jpoggu l-imwejjed mat-triq pubblika kien event incidentali, li sehh wara li l-fond kien ilu diga' maghluq b'mod permanenti, u li bl-ebda mod ma kien il-kagun tal-waqfien permanenti tal-attivita' kummercjali minnu. Effettivament, l-intimati ilhom ghaxar snin li waqfu minn din l-operazzjoni, u anke jekk kienu intitolati jissullokaw il-fond, dan baqghu ma ghamluhx u l-fond hallewh maghluq. L-allegazzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati li ghal dan jahtu r-rikorrenti bl-agir malizzjuz u vessatorju taghhom baqghu assolutament mhux pruvati.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, dan il-Bord qieghed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eccezzjonijiet tal-intimati billi :

(i) jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati;

(ii) jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u ghall-fini tal-izgumbrament jipprefiggi terminu perentorju ta' xahar mil-lum.

[21] Ara l-aktar pronunzjament ricenti mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) li jinkludi rassenja gurisprudenzjali fil-materja fis-sentenza **Carmelo Borg Bonaci et vs Joseph Filletti** (per Imh. Mintoff), 16.12.2020

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**